# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 603/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**NA**

**Vs**

**RC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' NA, datat 7 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' Settembru, elfejn u hdax (2011) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi l-partijiet kellhom tifla, E, li twieldet f'X;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia datat erbgha (4) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) (Dok B);*

4. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal tlett (3) snin izda ilhom mill-elfejn u erbatax (2014) separati de facto;*

5. *Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;*

6. *Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet;*

7. *Illi hemm l-konvenut ghandu l-obbligu tal-manteniment ghall-minuri E liema manteniment bl-ammont ta' €150 jghaddi regolarment.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RC datata 26 ta' Jannar 2022, a fol 14 li taqra hekk:

1. *Illi l-premessi mressqa mir-rikorrenti NA fir-rikors promotur ma humiex qed jigu kontestati;*

2. *Illi l-konvenut jikkonferma illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;*

3. *Illi l-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni illi dina l-Onorabbli Qorti tholl iz-zwieg ta' bejniethom sakemm dak mifthiem bejniethom fil-kuntratt ta' separazzjoni jibqa vigenti;*

4. *Illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tipprocedi sabiex tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet bhala wiehed mahlul l-konvenut joggezzjona ghal kwalunkwe spejjez li jistghu jigu imposti fuqu;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NA xehdet** (vide affidavit Dok B fol 4) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-3 ta' Settembru 2011 u li minn din ir-relazzjoni twieldet tifla, li ghadha minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Ottubru 2018 fl-atti tan- Nutar Dr. Elena Farrugia. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**RC xehed** (vide affidavit fol 15) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Settembru 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 1779/2011 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn din l-unjoni twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia nhar l-4 ta' Ottubru 2018 (vide Dok. C fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1779/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**